# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

## Seduta numru 16 tas-7 Leġislatura
## Illum it-Tnejn 12 ta' Mejju 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 16 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr fil-5:30pm ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Mejju 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' Tenders u Kwotazzjonijiet
5. Ftehim dwar it-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kienet skuzata.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Punti mill-Minuti*

dwar punt 3.5 : Paul Vella semma' li kien ser jibgħat lill-handyman biex jara x' intervent kien hemm bżonn fl-iskola primarja.

dwar punt 6.2 : Eman Vella informa li l-festival tal-Majjistral action group kien postpost sine die.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa dwar il-proposta li f' postijiet bħall-Imġarrikun hemm Kumitat Amministrattiv għaż-żamma taċ-Ċimiterju taħt it-tmexxija tal-Ministeru tas-Saħħa. Eman Vella kien se jmur għal-laqgħa li kellha ssir fil-ġranet li ġejjin.

3.2 Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa mas-sidien tal-ħwienet u negozji fil-lokalita' dwar diversi punti, speċjalment il-ġbir ta' skart ġġenerat minnhom. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

3.3 Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa ma' Galea Curmi u mal-Alberta dwar l-installazzjoni ta' CCTV fuq il-Bring In Site ta' Triq San Pietru.

**4. Ftuħ ta' Tenders u Kwotazzjonijiet**

4.1 Il-Kunsill fetaħ u qabbel il-prezzijiet ta' numru ta' kwotazzjonijiet, sejħiet għall-offerti u informazzjoni li kien għalqu eżatt mal-bidu ta' din is-seduta. Dawn huma l-offerti li irċieva il-Kunsill:

***4.2 Sejħa għall-informazzjoni dwar l-akkwist ta' van:***

| | | |
|---|---|---|
| • Meli Garage : | Mazda 5 | €8500.00 (2nd hand) |
| | Renault Megane Scenic | €9000.00 (2nd hand) |
| • UCIM : | Fiat Doblo | €17,550.00 (ġdid) |
| | Fiat Qubo | €13,000.00 (ġdid) |
| • Burmarrad Commercials: | Toyota Dyna | €11,800.00 |
| • Ta' Falzon Land Rovers : | Citroen Berlingo | €4750.00 (2nd hand) |
| | | €7750.00 (2nd hand) |
| | | €4550.00 (2nd hand) |

4.2.1 Ġie deċis li Clayton Gauci u Mario Sammut se jmorru jaraw il-vetturi ta' Falzon Land Rovers.

***4.3 Sejħa għall-informazzjoni dwar Computers u File-Server:***

- Merlin Computers: PC P420C 15 : €790+VAT
  File Server PH20 : €820+VAT

- Vianet Computers: 2 PC Systems & 1 File Server + manutenzjoni : €2655

- Mall Systems: 2 PC & 1 File Server : €2782.36 + VAT
  2 PC & 1 File Server+3 snin manutenzjoni : €3283.18 + VAT

- Klikk: Rock PC : €660.00
  Rock File Server : €775.00

4.3.1 il-Kunsill qabel li dawn il-possibilitajiet jingħataw lill-persuna teknika biex tagħti l-parir tagħha dwar dawn l-offerti.

***4.4 Tender MGR 2014/01 - Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Masġar ta' Darrenzi, fl-Imġarr bħala parti mill-Miżura 313***

- Kalċidon Vella : €19,470.00

4.4.1 Il-Kunsill ser jgħaddi din l-offerta lill-Periti ta' E.M.D.P. li qed jieħdu ħsieb dan il-proġett biex jaraw il-validita' ta' din l-offerta.

***4.5 Tender MGR 2014/02 - Forniment u kostruzzjoni ta' kurduna u bankini fi' Triq Għajn Tuffieħa, l-Imġarr, bħala parti mill-Miżura 313***

- Adam Buġeja Paving Services : €58,407.00

4.5.1 Il-Kunsill ser jgħaddi din l-offerta lill-Periti ta' E.M.D.P. li qed jieħdu ħsieb dan il-proġett biex jaraw il-validita' ta' din l-offerta.

***4.6 Tender MGR 2014/03 - Xogħol infrastrutturali ta' rinnovament ta' spazju ta' rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ċublew, l-Imġarr***

- Adam Bugeja Paving Services : €15,845.00
- Road Maintenance Services : €23,053.50
- B. Grima & Sons Ltd. : €16,608.50

4.6.1 Il-Kunsill ser jgħaddi din l-offerta lill-Periti ta' D.T.R. Ltd. li qed jieħdu ħsieb dan il-proġett biex jaraw il-validita' ta' din l-offerta.

***4.7 Tender MGR 2014/04 - Forniment u installazzjoni ta' Playing-Field Equipment u Safety Rubber Flooring fi' spazju ta' rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr***

- Alhag Ltd : €85,540.53
  €71,610.90
  €50,204.28

- Mquip Ltd : €29,547.00
  €33,729.00
  €26,896.00
  €31,709.00
  €35,338.80

- Forestals : €26,768.00
  €22,092.92

- Projekte Global: €23,622.42
  €24,891.38
  €38,542.10

- JGC Play Ltd: €29,995.00
  €15,995.00
  €17,450.00
  €18,550.00
  €17,450.00
  €20,995.00
  €19,995.00
  €23,500.00
  €16,495.00
  €19,595.00

4.7.1 Il-Kunsill ser jgħaddi din l-offerta lill-Periti ta' D.T.R. Ltd. li qed jieħdu ħsieb dan il-proġett biex jaraw il-validita' ta' din l-offerta.

**5. Ftehim dwar it-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-abbozz ta' ftehim propost mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Kura fil-Komunita' dwar l-immaniġġjar taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li hu ospitat fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill approva unanimament dan il-ftehim u ser jiġu proposti ftit amendi żgħar qabel dan jiġi ffirmat.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Clayton Gauci semma' li kien hemm bżonn li tiżdied skip in-naħa tal-Bokka taċ-Ċarċara peress li kien qed jiżdied l-iskart hemmhekk. Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li tiżdied skip tal-100 f' din iż-żona.

6.2 Is-Sindku semma' li kien qed jinħass il-bżonn li ssir xi ħaġa biex tittaffa' id-dija u s-sħana tax-xemx mill-bibien u t-twieqi tal-Uffiċċju Amministrattiv. Għalhekk inġabru xi kwotazzjonijiet għall-solar film. Inġabru żewġ alternattivi : mingħand Sparkbow Ltd u A.S. Supplies. Ta' l-ewwel kienu jqumu aktar u mhux skond in-neċċessitajiet tal-Kunsill. Għaldaqstant kien deċiż li jintuża il-prodott ta' A.S. Supplies u li dan jitwaħħal kemm jista' jkun malajr.

6.3 Is-Sindku informa li kien hemm il-ħsieb li ssir talba lil Transport Malta biex isir Road Alignment bejn Triq Sant' Anna, Triq il-Bidnija u Triq Sir Temi Zammit.

6.4 Is-Sindku semma li kien sar rapport lill-Pulizija dwar karavann li kien hemm il-Ġnejna, sabiex dan jitneħħa.

6.5 Is-Sindku semma' li kien hemm talba sabiex l-Għaqda tal-Ġnejna tagħmel il-Laqgħa Ġenerali Anwali tagħha fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

6.6 Is-sindku informa li kienet saret on-site inspectiob visit ma' uffiċċjali ta' Transport Malta dwar proposta ta' numru ta' Bus Stops fil-lokalita'. Dawn huma :

- Triq Fisher;
- Ta' Mrejnu (ma jistax isir);
- Triq Sir Temi Zammit;
- Triq Għajn Tuffieħa (irrid jiġi studjat jekk hemmx bżonn li ssir talba lid-Direttorat tal-Artijiet).

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, fuq parir tekniku, kien hemm il-bżonn li jinxtraw 2 wifi-routers kif ukoll il-liċenzji tal-Windows 8.1 għall-kompjuters tal-iskrivana. Il-Kunsill approva dan u is-Segretarju ser jara li jinġabru kwottazzjonijiet dwar dan.

6.8 Is-Sindku informa li il-Kunsill kien ta' l-għajnuna tiegħu għall-attivita' Frott il-Bidwi Mġarri li saret fiż-Żebbiegħ.

6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-Blood Donation Unit kienet ser toffri is-servizzi tagħha għad-donazzjonijiet tad-demmi mil-bini tal-Kunsill nhar il-Ħadd 1 ta' Ġunju.

6.10 Paul Vella semma' li hemm bżonn li żewġ toroq mhux urbani jingħataw l-isem.

6.11 Paul Vella semma' li il-Kunsill irċieva talba mingħand Victor Mifsud biex jagħmel użu miċ-ċatra li tintuża fil-Ġnejna.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


6.12 Is-sindku informa li peress li l-anzjani taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum kienu ser jipparteċipaw fl-iSports Day nhar it-28 ta' Mejju, il-Kunsill kien seer jieħu ħsieb jipprovdilhom T-Shirt għall-dan l-avveniment.

6.13 Elizabeth Ebejer infurmat li kienet saret laqgħa ma' Victoria biex isiru laqgħat għat-tfal matul is-sajf. Il-programm ser ikopri 6 laqgħat għat-tfal dwar il-Kitba Kreattiva bis-serata finali issir fit-18 ta' Awwissu.

6.14 Elizabeth Ebejer ipproponiet li l-Kunsill jipparteċipa fil-proġett tad-Digital Parenting. Il-Kunsill approva.

6.15 Elizabeth Ebejer ipproponiet li l-Kunsill jipparteċipa fl-iskema tal-Lifelong Learning. Ġew magħżula il-korsijiet bażiċi fis-suġġetti prinċipali. Il-Kunsill approva u kien ser imexxi 'il quddiem l-approvazzjoni.

6.16 Is-Sindku informa li il-Kunsill kien irċieva petizzjoni dwar il-proġett tal-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew. Is-Sindku fakkar li dan il-proġett kien miexi 'il quddiem speċjalment wara is-sejħa għall-offerti li għalqu propju llum.

6.17 Clayton Gauci fakkar li kien hemm bżonn li napplikaw għall-bins tal-Ġnejna.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9:15pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' Ġunju 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku